KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 21 – IT-TLIETA, 13 TA' JANNAR 2026**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 21.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

21.1.1 Ma kienx hemm.

## 21.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

21.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (21) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Kunsillier Matthew Fenech issekonda.

21.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 21.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

21.3.1 Is-Sindku Dott Sciberras informa li ġiet stallata belisha lights ġdida fi Triq il-Wied wara ħafna pressjoni mill-Kunsill mal-Aġenzija Infrastructure Malta. Din kienet bżonnjuża għar-residenti taż-żona bit-tama li nkomplu nameljoraw l-immaniġġjar tat-traffiku. Informa wkoll li set ieħor ta' belisha lights aktar 'il fuq sa fl-aħħar ġiet ikkonnettjata (re-energized) mill-Korporazzjoni Enemalta wara burokrazija sħiħa fil-proċessi amministrattivi però sa fl-aħħar wasalna wkoll.

21.3.2 Is-Sindku Dott Sciberras informa li x-xogħlijiet fi Triq San Mikiel għadhom *at a standstill* u qal li jekk hemm bżonn tissejjaħ laqgħa mal-Onor. Ministru Dr Dalli. Il-Kunsill se jkompli jsegwi mill-qrib bil-ħsieb li jitkompla x-xogħol fuq l-infrastruttura tas-servizzi tad-drenaġġ biex tissolva d-diffikultà tal-*overflow* ta' drenaġġ fi Triq Ġeronimo Abos.

21.3.3 Is-Sindku Dott Sciberras informa li tkun ħaġa mill-isbaħ li l-Kunsill jerġa jtella attività għat-tfal tar-raħal fill-ġranet tal-Karnival. Kompla billi qal li peress li għaddejjin ix-xogħlijiet fis-Sala tal-Kunsill, kien meħtieġ li nfittxu venue alternattiv fl-Iklin. Wara diskussjoni kien deċiż li d-data tal-attività tkun skedata għal nhar it-Tnejn 16 ta' Frar. Se jkun qed jiġi ppreparat *flyer* biex jitqassam lill-komunità u ssir pubbliċità permezz tal-mezzi soċjali tal-Kunsill.

21.3.4 Is-Sindku Dott Sciberras informa li x-xogħol fis-Sala tal-Kunsill miexi kif ippjanat u preżentement għaddej ix-xogħol mill-ħaddiema tad-Direttorat.

## 21.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

21.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-4 u l-31 ta' Diċembru 2025 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (04 - 31 December 2025)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 356 | 12/04/2025 | Hemm id-dawl ta' barra ta' Triq il-Wied mhux jixgħel. | settled | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |
| 357 | 05/12/2025 | Dwal tad djar 10,12,13 Triq il-Ħwawar ġej u sejjer ilu ġimgħa | settled | Triq il-Ħwawar | **ENEMALTA** |
| 358 | 12/05/2025 | Ilment fuq parapett fi Triq S Erardi ta' stabbiliment tan-negozju mimli imbarazz | settled | Triq S Erardi | **Council** |
| 359 | 12/09/2025 | Dwal ta' barra ta Triq il-Ħwawar mitfi | settled | Triq il-Ħwawar | **ENEMALTA** |
| 360 | 12/09/2025 | Il-Kuntrattur ħammeġ Triq A M Galea hu u ħiereġ mis-sit | pending | Triq A M Galea | **Council** |
| 361 | 12/09/2025 | Wire imdendel mal-gallarija 49 Triq il-Mużika | pending | Triq il-Mużika | **GO plc** |
| 362 | 12/09/2025 | Bozza mitfija Triq Għargħur c/w Sqaq Garda | settled | Triq Għargħur | **ENEMALTA** |
| 363 | 12/10/2025 | Arblu miftuh fejn 1, Triq il-Ħwawar | settled | Triq il-Ħwawar | **ENEMALTA** |
| 364 | 12/10/2025 | Ġrieden fit-toroq G Galea, GM Azzopardi u G Mamo | settled | various | **Health** |
| 365 | 12/12/2025 | Qed joħorġu ħafna ġrieden mill-għalqa ta' Triq Pawlu Grech | pending | Triq Pawlu Grech | **Health** |
| 366 | 12/12/2025 | Resident minn Triq il-Klin ilmenta dwar l-attitudni tal-ħaddiem fil-konfront tiegħu meta ġie mitlub sabiex jiknes u jiġbor left overs mit-triq. | closed | Triq il-Klin | **Waste Collector** |
| 367 | 16/12/2025 | Damage to boundary wall by wires, 2 Triq G Pesci | pending | Triq G Pesci | **ENEMALTA** |
| 368 | 16/12/2025 | Siġar kibru fi Triq Dun Karm fejn traffic lights tal-lotto office | pending | Triq Dun Karm | **GEB Landscaping Ltd** |
| 369 | 16/12/2025 | Talba għal road marking refresh fejn 34 Triq P M Vella | pending | Triq P M Vella | **Council** |
| 370 | 17/12/25 | Talba biex il-*belisha lights* ta' ħdejn ir-Razzett l-Aħmar fi Triq il-Wied tinxtegħel | pending STL | Triq il-Wied | **ENEMALTA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 371 | 20/12/2025 | Tappiera tħabbat quddiem 118 Triq Wied | pending | Triq il-Wied | **WSC** |
| 372 | 22/12/2025 | Electric low voltage in L-Iklin | pending | various | **ENEMALTA** |
| 373 | 29/12/25 | Din ir-residenta qed tilmenta fuq sidien ta' klieb li qed iħammġu quddiem id-dar tagħha fi Triq Ġ Abos | pending | Triq Ġ Abos | **COUNCIL** |

## 21.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

21.5.1 Il-Kunsillier Mario Fenech staqsa dwar id-dawl ta' *decorative lighting* li hemm fil-*playing field* għaliex qed ikun mitfi.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li se nkunu qed niċċekkjaw il-*fault* fl-immedjat.

21.5.2 Il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa dwar il-*flood lighting* ta' Pjazza Ninu Cremona peress li rriżulta li huma wkoll mitfija.

Is-Sindku Dott Sciberras wieġeb li l-flood lighting saru mill-ġdid riċentement u reġgħu marru wara dik il-maltempata. Meta tkellimna mall-kuntrattur, ġejna infurmati li peress li huma LEDs, mar il-*component* sħiħ. Qed jirrakkomanda li l-Kunsill ma jerġax jistalla LEDs ġodda. Fis-sistema l-antika, kien jinbidel l-ignitor jew il-ballast iżda t-teknoloġija tal-LEDS tkun trid tbiddel il-component sħiħ u tiswik il-flus.

Imbagħad il-Kunsillier Matthew Fenech staqsa jekk il-materjal għandu l-garanzija, naraw mall-fornitur x'inhi l-possibiltà li jinbidlu.

Is-Sindku wieġeb li skont kif qalilna l-kuntrattur, dik tiġi *Act of God*. Il-kuntrattur ġie mitlub sabiex jagħtina rapport dwar il-każ għall-fini ta' talba għall-assigurazzjoni.

## 21.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

21.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

21.6.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Mary Grace Gusman.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

## 21.7 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

21.7.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

21.7.2 Applikazzjoni PA 07790/25 – Triq Tal-Balal, San Ġwann c/w, Triq Ħal Għargħur, Iklin - To propose change of use from Class 4D and Class 1 residence approved in PA/00340/24 to a guesthouse Class 3A. The proposal includes internal changes such as shifting of internal walls and openings, outside pool at first floor level and a garden at ground floor level

21.7.3 Applikazzjoni PA 03933/25 – Mon Reve, Triq Ċensu Busuttil, Iklin - Proposed demolition of existing dwelling including excavation for basement and reservoir. Proposed construction of basement garage for private vehicles and overlying Class 1maisonette and apartments. Proposal includes pools and landscaping

21.7.4 Applikazzjoni PA 08062/25– Massabielle, Triq Guze' Pesci c/w, Triq Mons. Carmelo Aquilina, Iklin - To demolish existing dwelling, excavation of site, construction of basement garages and reservoir, overlying maisonettes, apartments and penthouse (including pool and pv panels).

## 21.8 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PROĠETT TA' ĠNIEN FL-IKLIN

21.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa lill-preżenti li fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq – Malta, il-Kumitat iddiskuta l-proposta tal-Kunsill biex jissemma Ġnien Prof. Charles Briffa, L-Iklin. Bi pjaċir jinforma li ll-membri tal-Kumitat aċċettaw l-isem Ġnien Prof. Charles Briffa, L-Iklin.

Is-Sindku Dott Sciberras żied jgħid li tkun ħaġa sabiħa li l-Kunsill jikkummissjona bust tal-Prof. Charles Briffa biex jitqiegħed fil-Ġnien propost u jiġi inawgurat mall-ftuħ tal-imsemmi Ġnien. Kien deċiż li niktbu lil Project Green dwar din il-proposta sabiex il-bust ikkummissjonat mill-Kunsill Lokali ikollu post prominenti fil-Ġnien.

Imbagħad ġiet diskussa l-*issue* dwar iż-żamma tal-post għaliex Project Green talbu lill-Kunsill biex ngħaddu kopja tal-Memorandum of Understanding li jeżisti bejn il-Kunsill Lokali L-Iklin u l-Ministry for Tourism and Public Cleanliness.

Wara diskussjoni wiesgħa fejn kien hemm interventi tajbin mill-Kunsillieri, kien deċiż li tissejjaħ laqgħa mall-Public Cleansing u Project Green biex naraw it-triq 'il quddiem.

Fil-prinċipju jidher li hemm qbil unanimu li ż-żamma tal-Ġnien għandha tibqa f'idejn Project Green wara li jitlesta l-proġett filwaqt li l-Public Cleansing tiġi ngaġġata għall-indafa tal-post. Però jeħtieġ li jiġu żewġ fatturi importanti dwar jekk hux ser jiżdiedu r-riżorsi umani fir-rigward tal-indafa tal-ġnien u min ser jagħmel tajjeb għal din l-ispiża.

21.8.2 Għaldaqstant kien deċiż li tintalab laqgħa mal-*istakeholders* konċernati biex niddiskutu dan.

## 21.9 AĠĠORNAMENT DWAR IL-PUBBLIKAZZJONI TA' KTIEB DWAR IL-LOKALITÀ TAL-IKLIN

21.9.1 Is-Sindku Dott Sciberras stieden lill-Kunsillier Mary Grace Gusman sabiex tagħti l-aġġornament tagħha dwar il-pubblikazzjoni ta' ktieb dwar il-lokalità tal-Iklin.

21.9.2 Il-Kunsillier Mary Grace Gusman ippreżentat l-ewwel abbozz ta' din il-pubblikazzjoni fuq il-mejda tal-Kunsill fejn spjegat li għandha kontenut tajjeb f'idejha u ser tkompli tirriċerka u tavviċina persuni mill-Iklin li jistgħu jikkontribwixxu f'dan il-

proġett. Il-ħsieb tal-Kunsillier Gusman huwa li kif appena tagħlaq il-kontenut, il-Kunsill ikun jista jittepja fondi tal-EU biex ikun jista jiġi ppubblikat dan il-ktieb dwar il-lokalità tal-Iklin. Ikkonkludiet li dan għandu jkun proġett tal-Kunsill Lokali L-Iklin għall-komunità tal-Iklin.

21.9.3 Aktar żviluppi dwar dan il-proġett jingħataw 'il quddiem.

**21.10 PERFORMANCE BONUS APPRAISAL TAL-IMPJEGATI 2025**

21.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra ta' rakkomandazzjoni flimkien mal-*Appraisal Report* tal-impjegati għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

21.10.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex japprova l-*Appraisal Report* tal-Assistentl Uffiċċjal Prinċipali u cioè l-massimu ta' 10%.

21.10.3 Il-Kunsill approva *nem con*

**(Ara dok. Ġ)**

**21.11 APPRAISAL REPORT U L-PERFORMANCE BONUS TAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV GĦAS-SENA 2025**

21.11.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq l-Appraisal Report tas-Segretarju Eżekuttiv għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

21.11.2 Is-Sindku Dott. Sciberras irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tax-xogħol tiegħu matul is-sena 2025 u fejn ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex jikkunsidra u japprova l-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv.

21.11.3 Il-Kunsill approva unanimament il-massimu u cioè10%. Il-performance assessment form ser tkun qed timtela mis-Sindku Dott. Sciberras biex tiġi sottomessa lid-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali biex jitkompla l-proċess.

21.11.4 Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsillieri tal-fiduċja sħiħa tagħhom.

## 21.12 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

21.12.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2026 fil-5.30 pm.

21.12.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar il-Ħamis 19 ta' Frar 2026 fil-5.30 pm.

21.12.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.05 p.m.

**Dott Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv